# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar, 2001.

Numru 112

Citaz. Nru: 80/99 GV

Doc. 34-00

**Burger Operations Ltd**

**vs**

**Michael La Rosa**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut kien ikkontesta t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn ma l-atturi bi proceduri fit-Tribunal Industrijali (Kaz Nru 1201) fl-ismijiet Michael La Rosa u Burger Operations Ltd;

Premess ukoll illi l-atturi kienu eccipew fit-Tribunal Industrijali illi t-terminazzjoni kienet a bazi ta' rizenja bil-miktub u ghal dan ir-raguni it-Tribunal ma setax jiehu konjizzjoni tal-kaz stante illi ma kienx hemm tkeccija;

Premess illi t-Tribunal Industrijali warrab l-eccezzjoni ta' l-atturi u ddecida permezz ta' Decizzjoni Preliminari bid-data ta' l-4 ta' Dicembru, 1998 (Nru. 1001) illi t-terminazzjoni ta' l-impieg tal-konvenut kienet tammonta ghal tkeccija u ghalhekk l-atturi odjerni kellhom igiebu l-provi necessarji biex jiggustifikaw tali tkeccija;

Premess illi tali Decizzjoni Preliminari hija nulla stante illi t-Tribunal Industrijali ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-ligi meta kkaretterizza l-agir ta' l-atturi odjerni bhala agir li jammonta ghal vjolenza fis-sens rikjest mill-Kodici Civili (Art.

974 et seq) u ghalhekk ir-rizenja tal-konvenut odjern kienet vizzjata, kif johrog mid-Decizzjoni stess (fol. 5 et seq ta' l-istess);

Premess ukoll illi minhabba l-fatt illi t-Tribunal Industrijali wasal biex iddecida kwistjoni illi mhijiex fil-gurisdizzjoni tieghu, cioe' l-validita' ta' obligazzjoni assunta minn parti cioe' r-rizenja bil-miktub tal-konvenut odjern liema kwistjoni messha giet riferta lill Qorti Civili u ghalhekk ir-Tribunal Industrijali mar oltre l-poteri moghtija lilu mill-ligi ("ultra vires");

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi d-decizzjoni tat-Tribunal Industrijali Nru 1001 huwa null u bla effett; u

2. Konsegwentement tiddikjara illi t-Tribunal Industrijali ma ghandux jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz Nru 1201;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.14 fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-azzjoni odjerna ma hiex proponibbli ai termini tal-proviso tal-artikolu 34 (1) Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess l-azzjoni odjerna lanqas ma hi proponibbli f'dan l-istadju stante li l-premessi marbuta direttament mat-talbiet tas-socjeta' attrici kien misshom gew sollevati quddiem it-Tribunal Industrijali biex jigu trattati u decizi bhala punti preliminari partikolarment pero' mhux esklussivament ghal fejn tirrigwarda t-tieni talba tas-socjeta' attrici;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit inoltre li t-talbiet tas-socjeta' attrici fis-sustanza u mertu ghandhom jigu respinti in vista tal-fatt li d-decizzjoni

tat-Tribunal in kwistjoni hija legalment u proceduralment gusta u kwindi timmerita li tigi konfermata u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;

B'rizerva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrjali a fol. 5;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 23 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet a fol. 29 li bih gew allegati l-atti processwali tat Tribunal Industrjali fil-kaz in kwistjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti prezentati mid-difensuri;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti :

- tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali Nru. 1001 hija nulla u bla effett u
- konsegwentement tiddikjara li t-Tribunal Industrijali m'ghandux jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz Nru. 1201

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa :

- li l-azzjoni odjerna ma hiex proponibbili ai termini tal-proviso ta' l-artikolu 34(1) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta (Din l-eccezzjoni gja giet deciza).

- Fl-eccezzjonijiet l-ohra l-konvenut eccepixxa li d-decizjoni tat-Tribunal hija legalment u proceduralment gusta.

**KONTESTAZZJONI**

Bid-decizjoni tieghu tal-4 ta' Dicembru, 1998 (fol 5) it-Tribunal kien iddecieda li r-rizenja mill-impieg tal-konvenut ma tikkwalifikax bhala rizenja volontarja fil-veru sens tal-kelma. Ghalhekk ghadda biex jittratta din il-kwistjoni fil-meriti taghha, cioe' jekk it-terminazzjoni ta' impieg tal-konvenut kienitx ghal raguni tajba u sufficcjenti skond il-ligi.

Wara din id-decizjoni, l-atturi ipprezentaw il-kawza odjerna. Huma qed jikkontendu li t-Tribunal ma kienx il-forum li jiddeciedi l-interpretazzjoni tal-kuntratt (l-ittra tar-rizenja). Id-decizjoni tat-Tribunal kienet wahda moghtija in eccess tal-poteri moghtija mill-ligi lit-Tribunal u kienet wahda, in oltre, illi kienet fondamentalment zbaljata fl-interpretazzjoni ta' provedimenti tad-dritt li ma kienx lok it-Tribunal illi jiddeciedihom u ghalhekk id-decizjoni trid tigi mhassra.

Il-konvenut issottometta li l-atturi messhom issollevaw dan il-punt quddiem it-Tribunal u mhux issottomettew ruhhom ghad-decizjoni tat-Tribunal fuq il-kwistjoni tar-rizenja tal-konvenut. It-Tribunal qatt ma gie msejjah biex jezamina l-validita' ta' ftehim jew kuntratt stante li fil-fatt ebda ftehim jew kuntratt ma kien qed jigi attakkat. It-Tribunal kien kostrett jiddecidi fuq dan il-punt halli jara jekk it-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut gratx tassew minhabba rizenja ossija minhabba tkeccija. L-apprezzament maghmul mit-Tribunal tal-provi u rizultanzi fattwali ma jistghux jigu sindakati minn din il-Qorti billi s-socjeta' attrici tista' biss tikkontesta tali sentenza fuq punti legali biss. It-Tribunal fl-apprezzament maghmul ma strahx biss fuq l-artikoli tal-Kodici Civili dwar vizzju ta' kunsens izda fuq argumenti ferm aktar wiesgha u fuq il-principji ta' ekwita' u gustizzja naturali kif jirrizulta mis-sentenza stess (ara fol. 9, it-tielet paragrafu).

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

*Jurisdiction might be exceeded if the tribunal tried a case outside its competence. But mistakes made within the jurisdiction whether of fact or of law did not lay the tribunal open to certiorari for excess of jurisdiction… If every error in assessing the arguments presented to the tribunal were to be subject to review by the High Court the intention of Parliament to create the tribunal as the decision-making body in a particular field would be frustrated.*

*If jurisdiction is claimed or power asserted as a result of an erroneous decision of law or fact , the ensuing decision may be challenged as involving a wrongful usurpation of authority.*

*If a certain state of facts has to exist before an inferior tribunal has jurisdiction, it can inquire into the facts in order to decide whether or not is has jurisdiction, but it cannot give itself jurisdiction by a wrong decision on them.*

*"A Court with jurisdiction confined to the City of London cannot extend that jurisdiction by finding as a fact that Piccadilly Circus is in the ward of Chepe" ( in R v Shoreditch Assessment Committee , ex p Morgan.)*

*There are however certain limits to this ground of review.*

*There is no reason in principle why a statute should not confer powers on a body, make them exercisable in defined circumstances only, yet also make that body the conclusive judge as to whether those circumstances exist.*

*Where the existence or non-existence of a fact is left to the judgment and discretion of a public body and that fact involves a broad spectrum ranging from the obvious to the debatable to the just conceivable, it is the duty of the court to leave the decision of that fact to the public body to whom Parliament has entrusted the decision-making power save in a case where it is obvious*

*that the public body , consciously or unconsciously, is acting perversely. Similarly the decision will be unassailable so long as the public body had applied the correct legal test and had arrived at a decision which was not unreasonable.*

*Garner's Administrative Law page 182 et seq u De Smith & Brazier Constitutional & Adminstrative Law*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami t-Tribunal iddecieda li r-rizenja mill-impieg tal-konvenut ma tikkwalifikax bhala rizenja volontarja fil-veru sens tal-kelma izda bhala tkeccija.

It-Tribunal fis-sentenza tieghu irrefera ghall l-artikoli tal-Kodici Civili, ghamel apprezzament tal-fatti, u rrefera wkoll ghall-principji ta' ekwita' u gustizzja naturali (ara fol. 9 it-tielet paragrafu tas-sentenza.) Kien hemm ghalhekk fis-sentenza kemm apprezzament ta' punti ta' ligi kif ukoll ta' punti ta' fatt.

Fil-kaz in ezami t-Tribunal kellu bil-fors qabel ma jiddeciedi jekk it-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut kinitx ghall raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi, jidhol fil-mertu tal-kwistjoni l-ohra jekk ir-rizenja mill-impieg tal-konvenut kienitx tikkwalifika bhala rizenja volontarja jew tkeccija. Il-partijiet trattaw dan il-punt quddiem it-Tribunal, ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u hadd ma sab oggezzjoni li t-Tribunal jiddeciedi dan il-punt. Hu propjament ma kien qed jinterpreta ebda kuntratt jew ftehim.

It-Tribunal, a bazi tad-dottrina fuq imsemmija, kellu jaghmel l-apprezzament tieghu tal-ittra tar-rizenja tal-konvenut u minnha johrog il-konkluzzjonijet tieghu. Dana kollu kien apprezzament li hu setgha jaghmlu qabel jidhol fil-mertu.

Lanqas ma jista' jinghad li dawn il-konkluzzjonijiet kienu rragjonevoli. Jista' wiehed forsi ma jaqbilx mar-ragunijiet li ta t-Tribunal, izda mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li taqbel jew ma taqbilx mieghu, meta l-ligi taghti dawn il-poteri

decizjoniali lit-Tribunal. Wiehed jista' jghid li kien hemm zbalji ta' logika u ta' argumentazzjoni, zbalji fl-arti tar-rettorika, izda dawn m'humiex soggetti ghal *judicial review* da parti tal-qrati (ara App Holland vs Schembri 20.5.91).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom..

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**